

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-15 ta' Frar 2012: safejn il-Kumitat tal-Appelli:
 - ċaħad l-appell kontra r-rapport ta' evalwazzjoni tiegħu tal-2007, imressaq fl-2011 wara t-tħassir ta' dak imfassal fl-2008, kif mitlub mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fis-sentenza tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011, li ddeċidiet ir-rikors F-59/09;
 - ċaħad l-appell tiegħu kontra r-rifjut ta' rakkomandazzjoni tal-promozzjoni tiegħu, li rriżulta mill-annullament deċiż mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku bl-istess sentenza tat-8 Marzu 2011;
 - ċaħad id-deċiżjoni fuq il-mertu u, li sempliċement iddeċieda fuq il-leġittimità, ċaħad id-dritt lir-rikorrent li ssirlu t-tieni evalwazzjoni effettiva tal-ħidma;
- jannulla l-promozzjonijiet deċiżi fid-29 ta' April 2008, fid-dawl tal-opinjoni espressa mis-superjuri tiegħu, il-BEI naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni fil-punt "Promotions from Function E to D";
- jannulla l-atti kollha relatati, riżultanti u preżunti, fosthom ir-rapport ta' evalwazzjoni tal-2007, fl-intier tiegħu u l-evalwazzjoni magħmula mis-superjuri tiegħu, anki fil-parti fejn ma jissuġġerixx il-marka A jew B + u l-promozzjoni tar-rikorrent għall-grad D u, jekk ikun il-każ, wara d-dikjarazzjoni ta' illegalità u nuqqas ta' applikazzjoni tal-linji gwida, għall-inqas fil-parti fejn iddaħħlu restrizzjonijiet kwantitattivi illeġittimi fuq l-għadd ta' impjegati li jistgħu jibbenefikaw minn ġudizzju fil-qosor bil-marka A jew B +;
- jikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-87/12)**

(2012/C 319/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal S. Orlandi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tillimita l-perijodu ta' estensjoni tal-kuntratt tar-rikorrent.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Novembru 2011 sa fejn tillimita t-tul tal-estensjoni tal-kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju tal-rikorrent sal-31 ta' Marzu 2012;
- jikkundanna l-konvenuta għall-ħlas ta' EUR 1 provviżorjament għad-dannu subit mir-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fl-20 ta' Awwissu 2012 — ZZ vs Il-Kummissjoni**(Kawża F-88/12)**

(2012/C 319/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet**

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal u S. Orlandi, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni li jsir il-kalkolu tal-bonus tad-drittijiet għall-pensjoni miksub qabel id-dħul fis-servizz abbażi ta' dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni.

Talbiet tar-rikorrent

- jannulla d-deċiżjoni tas-16 ta' Jannar 2012 dwar il-kalkolu tal-bonus tad-drittijiet għall-pensjoni miksub mir-rikorrent qabel id-dħul tiegħu fis-servizz tal-Kummissjoni;
- sa fejn meħtieġ, tannulla d-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tiegħu, tal-15 ta' Ġunju 2012, intiż għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni u tar-rati attwarjali li kienu fis-seħħ meta ressaq it-talba għat-trasferiment tad-drittijiet għall-pensjoni tiegħu;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.